# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Mejju 2000**

**Numru 48**

**Citaz. numru 913/87 DS**

Dottor Remigio Zammit Pace bhala Segretarju in rapprezentanza tas-socjeta` ELMO INSURANCE SERVICES LIMITED, dina rapprezentanti s-socjeta` estera SUN ALLIANCE AND LONDON INSURANCE plc, bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Gauci Brothers Ltd.; u Santino Gauci bhala Direttur u in rapprezentanza tal-istess ditta Gauci Brothers Limited; u b'nota tat-18 ta' Frar 2000 il-kumpanija Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera assikuratrici Royal & Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Santino Gauci u Gauci Brothers Ltd assumiet l-atti tal-kawza minflok l-attur Dr. Remigio Zammit Pace nomine

vs

Stephen Bugeja

Illum, 30 ta' Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Novembru 1987 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

1. Illi fil-15 ta' Ottubru 1986 f'xi 11.30 a.m. f'Tal-Barrani Road, Zejtun il-konvenut filwaqt li kien qed isuq il-Land Rover Numru J-2196 minhabba imprudenza, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku habat fil-van numru K-8184 propjeta tal-kumpanija attrici Gauci Brothers Ltd. u li dak il-hin kienet qed tinsaq min Santino Gauci u liema vettura kienet assikurata taht polza comprehensive mal-attur Dottor Remigio Zammit Pace nomine;

2. Illi bhala rizultat tal-imsemmi incident il-kumpanija assikurattrici halset is-somma ta' elf disa mija wiehed u tmenin lira Maltin (Lm1981) sabiex tissewwa il-hsara fil-vettura numru K-8184 in forza tal-imsemmija polza ta' assikurazzjoni.

3. Illi ukoll il-kumpanija Gauci Bros. Ltd. sofriet danni ohra konsistenti fil-hlas tal-excess fuq il-polza, kiri ta' vettura ohra kif ukoll deprezzament fil-karrozza taghhom numru K-8184.

4. Illi l-konvenut ghalkemm interpellat naqas li jhallas id-danni minnu kagunati.

talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kollizjoni li grat fil-15 ta' Ottubru 1986 go Tal-Barrani Road, Zejtun bejn il-van Numru K-8184 u l-Land Rover numru J-2196 misjuqa minn Santino Gauci u l-konvenut rispettivament grat unikament tort u htija tal-istess konvenut.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi separatament u dana okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas in linea ta' danni lill-atturi separatament dawk l-ammonti li jigu hekk likwidati.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Lulju 1987 u bl-imghax legali mid-data tal-istess ittra ufficjali, kontra l-konvenut li hu imharrek minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi l-incident awtomobbilistiku li gara bejn il-kontendenti kien unikament responsabbli l-attur Santino Gauci billi hu naqas milli josserva r-regolamenti tat-traffiku peress illi qabad u waqaf fuq il-"fast lane" minghajr ebda sinjal u minghajr ma ha ebda prekawzjoni.

Illi fil-hin tal-incident kien hemm traffiku fl-istess triq fuq iz-zewg "lanes" u l-konvenut ma setax jevita l-habta.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-26 ta' Frar 1988 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Kenneth Grima bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-2 ta' Lulju 1999 li permezz tieghu gie revokat "contrario imperio" d-digriet imsemmi;

Rat il-verbali tax-xhieda mismugha mill-perit legali;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**PROVI**

L-incident in ezami gara fil-fetha li hemm fis-"centre strip" fi Triq tal-Barrani, limiti Zejtun, li minnha min ikun gej mid-direzzjoni ta' Rahal Gdid, jista' jdur lejn it-triq li taghti ghal Santu Kristu, Hal-Ghaxaq. Fl-incident kienu involuti l-vann Mazda numru K-8184, proprjeta` tas-socjeta` Gauci Brothers Ltd. li kienet misjuqa minn Santino Gauci li kien intenzjonat idur lejn Hal-Ghaxaq, u l-Land Rover numru J-2196 misjuqa mill-konvenut.

**Santino Gauci** spjega fl-affidavit tieghu li hu kien gej mid-direzzjoni ta' Paola u meta wasal fil-fetha fis-"centre strip" quddiem it-triq lejn Hal-Ghaxaq fuq il-lemin tieghu, billi ra xi karrozzi gejjin mid-direzjoni opposta u ghalhekk ma setax jaqsam mill-ewwel, waqaf bil-parti l-kbira tal-vann fil-fetha tas-"centre strip" biex jistenna dawk il-karrozzi jghaddu. Dam hekk wieqaf bejn ghaxra u hmistax-il sekonda qabel ma

giet id-daqqa u meta nizel ra l-hsara li kellu fil-vann u Land Rover aktar ‘l isfel imdawra wiccha lejh.

Meta xehed in kontroezami qal li waqt li kien wieqaf jistenna t-traffiku mid-direzzjoni ta’ B’Bugia jghaddi, jikkalkola li ghaddew xi tliet vetturi izda mhuwiex ezatt. Izda huwa zgur li kien waqaf biex jistenna t-traffiku gej mill-faccata jghaddi. Qal ukoll li qabel ma waqaf biex jikser lejn Hal-Ghaxaq xeghel l-indicator izda ma jiftakarx x’hin xeghlu. Qabel l-impatt ra lill-konvenut gej ghal fuqu mill-mera tal-genb tal-lemin izda ma seta’ jaghmel xejn ghax kien ghaddej it-traffiku mill-faccata.

**Alfred Cauchi** kien riekeb ma’ Santino Gauci. Fl-affidavit tieghu spjega li l-vann dahal fil-fetha fis-“centre strip” bil-quddiem tieghu max-xifer tas-“centre strip” tan-naha l-ohra tat-triq u billi kienu gejjin karrozzi mid-direzzjoni opposta, il-vann baqa’ wieqaf sakemm ghaddew dawk il-karrozzi. Huma damu weqfin iktar minn ghaxar sekondi meta f’daqqa wahda hass daqqa kbira fuq in-naha ta’ wara tal-vann. Il-Land Rover li tathom id-daqqa spiccat aktar ‘l isfel fil-karreggjata lejn iz-Zejtun imdawra b’wiccha thares lejhom.

**Il-konvenut Stephen Bugeja** kien ukoll qed isuq fi Triq il-Barrani gej min-naha ta’ Rahal Gdid. Huwa qal li meta kien qabez il-petrol station li hemm fuq ix-xellug u wasal qrib il-fetha li hemm fis-“centre strip” li minnha wiehed jista’ jdur lejn Hal-Ghaxaq, kien hemm vann quddiemu fuq il-“fast lane” u dan waqaf f’daqqa bla indikazzjoni ta’ xejn, la indicators u lanqas brake lights. Mar biex jevitah izda ma rnexxilux. Huwa mbaghad kompla jghid hekk:

> *“L-ewwel darba li kont rajt il-vann li wara kelli l-incident mieghu kien mal-kantuniera li taghti ghal Bulebel, nikkalkola xi tliet darbiet tul din l-awla pero` meta nghid hekk ma nkunx ezatt. Niftakar li l-vann ma kienx fid-dahla tas-centre strip, jigifieri ma kienx angolat biex jidhol mis-centre strip fid-direzzjoni ta’’Ghaxaq By-Pass. La meta rajtu l-ewwel darba u lanqas meta hbatt mieghu, il-vann ma kienx angolat lejn il-lemin.*
>
> *Nikkalkola li mill-ewwel hin li rajt il-vann sakemm sar l-incident ghaddew minn nofs minuta sa minuta – pero` m’inhix cert minn dan.*
>
> *Kont fuq in-naha ta’ barra, il-fast lane, ghaliex fuq l-inner lane, kont ilmaht karrozza tal-linja li kienet wieqfa fuq il-bus stop qrib fejn gara l-incident kif ukoll kien hemm zewg karrozzi ohra*

*warajha – i.e. il-bus. Dawn iz-zewg karrozzi kienu wkoll weqfin wara l-bus.*

*Qabel l-incident kont qed insuq b'xi 30-35 mil fis-siegha. Nikkalkola l-ispeed tal-vann li mieghu hbatt daqs tieghi jew xi ftit izjed. Ma nistax nghid kif waqfet il-vann hux 'slowing down' jew zopptu.*

*Jien ghall-ewwel kont qed insuq fl-inner lane. Kelli naqbez mill-inner lane ghall-outer lane meta lmaht quddiemi l-bus u z-zewg karrozzi warajha weqfin. Ma niftakarx jekk f'dan l-istadju kontx innotajt lill-vann jew le.*

*Qabel ma hbatt mal-vann innotajt li l-brake lights fl-ebda hin ma xeghlu. Dan innotajtu fl-agonija tal-incident u hekk kif kont qed nipprova nigbed lejn ix-xellug tieghi biex nevita l-habta."*

Xehed ukoll P.S. 1202 Joseph Caruana li acceda fuq il-post biex jinvestiga l-incident izda x-xiehda tieghu u l-okkorrenza li huwa esebixxa ma jitfghux aktar dawl fuq kif gara l-incident peress li huwa qatt ma kellem lill-konvenut li, meta wasal is-Surgent fuq il-post, kien diga` ttiehed l-Isptar. Fl-okkorrenza pero` hemm miktub li l-vettura K-8184 "stopped to turn into Santu Kristu Road, towards Ghaxaq" li tikkombacja ma' dak li xehdu Santino Gauci u Alfred Cauchi li kien waqfu fil-fetha. Dwar l-iskizz jinghad ukoll li hadd ma kkontesta l-pozizzjoni tal-vetturi kif jidhru fl-iskizz bhala l-pozizzjoni li spiccaw fiha wara l-incident.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR RESPONSABILTA`**

Fin-nota responsiva tieghu l-konvenut jaghmel referenza ghall-fatt li fejn gara l-incident huwa perikoluz hafna u sahansitra esebixxa estratt minn gurnal lokali fejn hemm artikolu dwar dan il-punt. Ciononostante, jekk manuvra hija permissibbli skond ir-regolamenti tat-traffiku, sewwieq ma jitlifx id-dritt tieghu li jaghmel tali manuvra jekk tinvolvi element ta' riskju. Il-fatt li sewwieq jaghmel dik il-manuvra ma jfissirx li huwa responsabbli ghall-incident li jsehh, u lanqas li s-sewwieq l-iehor huwa ezonerat mir-responsabbilta` anke jekk ikun qed jikser xi regolament tat-traffiku minghajr ma jkun ghamel xi manuvra perikoluza ("Brian Valenzia noe et vs Saviour Azzopardi", Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), 11 ta' Jannar 1996).

Fil-kaz in ezami z-zewg vetturi kienu mixjin fi Triq il-Barrani fl-istess direzzjoni b'dan li Santino Gauci ried idur lejn Hal-Ghaxaq mill-fetha li

hemm fis-“centre strip” li ghadha tezisti sallum filwaqt li l-konvenut kien se jibqa’ jipprocedi fid-direzzjoni taz-Zejtun. Huma ma kinux mixjin wara xulxin. Mix-xiehda tal-konvenut stess jirrizulta li hu kien fuq l-inner lane izda billi sab xarabank wieqfa fuq il-bus stop b’zewg karrozzi warajha qaleb ghal fuq l-outer lane. Il-bus stop fil-fatt, kif ammetta l-istess konvenut, hija qrib il-fetha fis-“centre strip”. Qal li ma jiftakarx jekk f’dan l-istadju kienx innota l-vann jew le. Ftit qabel fix-xiehda tieghu sostna li ra l-vann minn distanza ta’ xi tliet darbiet awla ghalkemm mhux ezatt u li l-vann ma kienx angolat lejn il-lemin la meta rah l-ewwel darba u lanqas meta habat mieghu.

Minn dak li xehed il-konvenut stess jidher li dak li gara kien li meta l-konvenut sab il-vetturi msemmija weqfin fuq l-inner lane, qabad u qaleb ghall-outer lane minghajr ma rrallenta u sab il-vann diga` wieqaf fil-fetha fis-“centre strip”. Din hija certament manuvra li tmur kontra dak li jghid l-artikolu 78 tal-Highway Code: “In roads having more than one lane on each side, never switch abruptly to the right if you are on the left-hand lane, nor abruptly to the left if you are proceeding along the right-hand lane.” Id-distanza ravvicinata ma kenitx tippermettilu jibbrejkja jew jiehu xi azzjoni evaziva ohra u baqa’ diehel fuq ix-xewka ta’ wara tax-xellug tal-vann. Bl-ebda mod ma jista’ jkun li mill-hin li ra l-vann sal-habta ghaddew minn nofs minuta sa minuta – id-distanza hija qasira wisq.

Il-konvenut isostni li s-sewwieq l-iehor ma xeghelx indicators u lanqas brake lights. Santino Gauci xehed li xeghel l-indicator izda ma setax jiftakar kemm qabel. Il-konvenut ighid li nnota li l-vann ma kellux brake lights fl-agonija ta’ l-incident u hekk kif kien qed jigbed lejn ix-xellug biex jipprova jevita l-habta. Jekk, kif temmen il-Qorti, il-vann kien wieqaf, peress li l-post wita s-sewwieq tal-vann seta’ liberament dak il-hin ma kienx qed jaghfas il-brake u allura l-brake lights ma kinux mixghulin. Dwar l-indicator, jekk kif qal Gauci dan kien mixghul, ma hu xejn sorprendenti li l-konvenut ma nnutahx minhabba li, kif diga` ntqal, minhabba l-manuvra bruska li ghamel u kwazi sab il-vann ma’ wiccu, ma kellux il-hin jinnota certi dettalji. Jekk l-indicator ma kienx mixghul, jibqa’ l-fatt li l-Qorti temmen li l-vann kien diga` pozizzjonat fil-fetha lest biex jaqsam una volta t-traffiku gej mid-direzzjoni opposta jghaddi. Ma tridx tintesa x-xiehda ta’ Gauci u ta’ Cauchi li kienu ilhom aktar minn ghaxar sekondi weqfin qabel ma giet il-habta.

Il-kawza prossima ta’ l-incident ghalhekk kienet il-manuvra inkonsulta u bruska tal-konvenut li qabad u qala’ vetturi weqfin fil-karreggata tieghu biex hareg fuq il-karreggata ta’ barra minghajr ma jirrizulta li ha l-prekawzjonijiet mehtiega, bhala li jnaqqas l-ispeed u jesplora sew dik il-

karreggata, u sab fuq dik il-karreggata tostakola parti minnha l-vann misjuq minn Santino Gauci. Il-konvenut lanqas ma jista' jghid li ma kienx jaf bl-ezistenza ta' dik il-fetha fis-"centre strip" peress li jidher li huwa jirresjedi Birzebbugia u ghalhekk Triq il-Barrani hija bla dubju ta' xejn triqtu.

Ghalhekk ghall-incident jahti biss il-konvenut li ghandu jwiegeb ghad-danni konsegwenzjali.

**LIKWIDAZZJONI TAD-DANNI**

Huwa principju stabbilit li d-danneggjat ghandu jaghmel hiltu biex jimminimizza d-danni li sofra. Infatti gie kostantement ritenut mill-Qrati taghna li d-danneggjat filwaqt li ghandu d-dritt li jassigura li jircievi lura d-danni kollha li jkun sofra u jerga' jitqieghed, kemm huwa possibbli, fl-istat li kien qabel l-incident, fl-istess waqt ghandu l-obbligu li jillimita kemm jista' jkun id-danni li ghalihom huwa responsabbli min ikkagunalu l-hsarat fil-vettura ("Mario Blackman vs Paul Formosa", Prim'Awla, 5 ta' Ottubru 1994).

Fil-kaz in ezami s-socjeta` assikuratrici attrici qed titlob li tithallas lura dik is-somma li hija halset lill-assikurat taghha filwaqt li s-socjeta` assikurata qed titlob hlas ta' l-"excess", tal-kiri ta' vettura u ta' deprezzament fil-vettura taghhom.

Il-Prokuratur Legali Joseph Micallef ghas-socjeta` assikuratrici xehed li l-valur tal-vann qabel l-incident kien Lm4000. Billi skond is-"surveyor" il-vann kien "beyond economical repair" intlahqet tranzazzjoni ma' l-assikurat billi jithallas is-somma ta' Lm2000 u jzomm ir-"wreck". Fil-fatt billi l-assikurat hallas Lm25 "excess", is-socjeta` assikuratrici halsitu Lm1975 u dan oltre Lm6 ghas-"survey report" u r-"road accident report". Ghalhekk is-somma globali pretiza minnha hi ta' Lm1981.

Santino Gauci, ghas-socjeta` assikurata, ikkonferma li gie accettat pagament ta' Lm2000 bit-tnaqqis ta' l-"excess", u zammew il-vann. Sakemm gie rrangat, krew vann iehor b'nefqa ta' Lm524. F'dar-rigward giet esebita kopja ta' rcevuta ghal dan l-ammont wara rikorsipprezentat fl-10 ta' Settembru 1996. Il-Qorti osservat li l-ircevuta tidher iffirmata minn Alfred Cauchi, l-istess persuna li kien riekeb ma' Gauci meta gara l-incident.

Dwar deprezzament ma tressqet l-ebda prova.

Huwa interessanti li wiehed jezamina kif zvolgew l-affarijiet. Il-vann gie spezzjonat mis-“surveyor” Paul Barbieri li qal li rah ghand il-garage ta’ Gasan fis-17 ta’ Ottubru 1986 u kien “fairly new”. Il-vann kien registrat bhala “manufactured” fl-1981 u gie assikurat fl-istess sena mas-socjeta` assikuratrici attrici fl-istess sena ghas-somma ta’ Lm4000. Sad-data ta’ l-incident, hames snin wara, l-“insured value” ma kienx tnaqqas. L-istima li ghamel is-“surveyor” biex jissewwa l-vann kien ta’ Lm1052.81, izda kemm hu kif ukoll impjegat ta’ Gasan ma setghux jaghtu assikurazzjoni li l-vann kien jigi bhal qabel. Gie suggerit lill-assikurat li jaqta’ bicca minn wara tal-vann biex flok jibqa’ vann maghluq isir qisu “pick-up” izda hu m’accettax. Ix-xhud qal li ltaqa’ ma’ Santino Gauci diversi drabi u minhabba li l-vann ma kienx jigi kif kien qabel waslu ghat-transazzjoni li ssemmiet. Jigi osservat li Santino Gauci xehed li fil-fatt wara ghamel alterazzjonijiet lill-vann biex gie qisu trakk u ssewwa “x’imkien is-Siggiewi”.

Paul Barbieri xehed ukoll li kiteb darbtejn lill-konvenut biex imur ikellmu. Wara l-ewwel ittra rcieva telefonata minghand persuna li qaltlu li kienet missier il-konvenut li qallu li ibnu kien assikurat “third party” biss u kif ikun tajjeb imur l-ufficcju. Billi baqa’ ma marx ikellmu, ix-xhud kitiblu ittra ohra fejn infurmah li l-ispejjez ghat-tiswija se jkunu Lm2000 izda l-konvenut baqa’ ma marx ikellmu.

Fil-kaz ta’ likwidazzjoni ta’ hsarat f’karrozza, il-bazi li jrid jittiehed huwa jew il-valur tat-tiswija flimkien mal-kiri ta’ karrozza jew il-valur fis-suq tal-vettura danneggjata qabel l-incident flimkien mal-kiri ta’ karrozza sakemm tigi sostitwita u bit-tnaqqis tal-valur ta’ l-iscrap. Fil-fehma tal-Qorti t-transazzjoni li ntlahqet bejn l-assikurazzjoni u l-assikurat ma tistax tippregudika t-“third party”, nonostante li f’dan il-kaz ghalkemm saru tentattivi mis-“surveyor” Paul Barbieri biex jikkomunika mal-konvenut dan naqas milli javvicinah. Id-danni li ghandu jhallas id-danneggjant huma d-danni reali.

Fil-kaz in ezami l-valur tat-tiswija kien incert peress li l-istima li saret ta’ Lm1052.81 kienet soggetta ghal revizjoni (wiehed gustament jissupponi revizjoni ‘l fuq) wara li l-vann jigi zmontat. Is-“surveyor” qal li l-vann kien “beyond economical repair”. Izda jirrizulta li l-vann instaq minn Gauci minn fuq il-post ta’ l-incident u sussegwentement sarulu alterazzjonijiet biex gie konvertit fi trakk, jigifieri sar proprju dak li Santino Gauci fid-diskussjonijiet tieghu mas-“surveyor” ma kienx accetta li jsir. Pero’ ma gewx esebiti rcevuti biex ikun jista’ jigi stabbilit kemm kienet in-nefqa attwali. Mill-banda l-ohra lanqas ma saret prova dwar il-“pre-accident value” tal-vann li zgur ma setax kien tal-valur ta’ Lm4000

peress li dak kien il-valur tieghu meta nhareg fit-triq. Il-Qorti ghalhekk se tuza kriterju li gie adoperat fil-kawza ga` citata “Mario Blackman vs Paul Formosa” biex tasal ghall-“pre-accident value” approssimattiv tal-vann. Hekk kif il-vann inxtara, sar “second-hand” u ghalhekk tista’ titnaqqas is-somma ta’ Lm600. Imbaghad il-valur ghandu jitqies li jonqos b’almenu Lm300 fis-sena. Ghalhekk, stante li l-vann kien ilu hames snin fit-triq, iridu jitnaqqsu Lm1500 ohra. B’hekk il-“pre-accident value” jigi Lm4000 – (Lm600 + Lm1500) = Lm1900, li bejn wiehed u iehor igibna ghall-figura ta’ Lm2000 likwidati mis-socjeta` assikuratrici. Pero` s-socjeta` assikurata bbenefikat mill-fatt li l-vann baqa’ ghandha u sewwietu. Issa anke kieku kellu jitnaqqas ir-“wreck value” wiehed isib li l-figura ta’ Lm2000 ghandha tonqos, ahseb u ara meta l-vann issewwa bi spiza li l-Qorti ma temminx seta’ ssupera l-ammont ta’ l-ispejjez li gew stmati mis-“surveyor” jew jekk issupera mhux b’wisq aktar. Mill-banda l-ohra wiehed irid iqis li kien hemm ammont ta’ deprezzament kemm minhabba l-fatt li huwa difficli li vettura, wara daqqa sostanzjali, ma tibqax li kienet anke wara tiswija, kif ukoll minhabba l-fatt li l-vettura hawn lanqas ma baqghet tal-forma originali taghha. U jekk wiehed iqis biss li mill-“pre-accident value” ghandu jitnaqqas ir-wreck value”

Mehud dan kollu in konsiderazzjoni l-Qorti hi tal-fehma li, u dan qed jigi stabbilit *arbitrio boni viri*, is-somma li l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` assikuratrici attrici ghandu jkun ta’ Lm1400, flimkien ma’ Lm6 ghas-“survey report” u “road accident report”.

Rigward il-pretensjoni tas-socjeta’ assikurata ghall-“excess” ta’ Lm25 din hi gustifikata. Rigward is-somma pretiza ta’ Lm524 ghall-kiri ta’ vann, il-Qorti hawn tirreferi ghas-“survey report” li tindika bhala “loss of use” bejn 19 u 20 jum. Il-pretensjoni tas-socjeta` assikurata hi ghal ftit aktar minn erba’ xhur ghall-ammont ta’ Lm524. Il-Qorti ma tqisx din gustifikata u qed tillikwida ammont ta’ Lm124 ekwivalenti ghal xahar (31 jum x Lm4).

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici, u

(1) tiddikjara li l-kollizjoni li grat fil-15 ta’ Ottubru 1986 go Tal-Barrani Road, Zejtun, bejn il-van numru K-8184 u l-Land Rover numru J-2196 misjuqa minn Santino Gauci u l-konvenut rispettivament grat unikament tort u htija tal-konvenut,

(2) tillikwida d-danni dovuti lis-socjeta` assikuratrici attrici fl-ammont ta' Lm1406 u dawk dovuti lis-socjeta` assikurata attrici fl-ammont ta' Lm149,
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` assikuratrici attrici s-somma ta' Lm1406 u lis-socjeta` assikurata attrici l-ammont ta' Lm149. Bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Onor. Imhallef David Scicluna**

**D/Registratur**